

*minn Fra Ġorġ Micallef OFM Conv.*

# Mons. Ġużeppi Mercieca Arċisqof ta' Malta 1928-2016



*Mons. Ġużeppi Mercieca*
*1928-2016*

Kien it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 fit-8.00am li l-qniepen tal-knisja parrokkjali tagħna ħabbru b'niket kbir il-mewt tal-Arċisqof Emeritus ta' Malta, Mons Ġużeppi Mercieca fl-età ta' 86 sena. Il-mewt tiegħu ġrat fis-7.20 ta' din l-għodwa tat-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa, fir-residenza privata tiegħu fiż-Żejtun, ikkonfortat bis-Sagramenti Mqaddsa, fil-preżenza tal-Arċisqof preżenti Mons. Charles Jude Scicluna. Minnufih, fil-knisja parrokkjali tagħna, ntrama kwadru ħdejn l-Ambone b'tislima lejn Mons. Mercieca, l-Arċisqof li kkonsagra mill-ġdid il-knisja parrokkjali tagħna, wara li tkabbret, nhar it-8 ta' April 1979. Dak inhar tal-mewt tiegħu stess ġiet offruta għalih il-quddiesa ta' filgħaxija fil-knisja parrokkjali. Il-Gvern Malti ħabbar tlett i jiem ta' luttu nazzjonali. Dak inhar stess, Mons. Mercieca ittieħed il-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt għall-qima tal-poplu tagħna. Il-Funeral sar l-Erbgħa 23 ta' Marżu fl-4.00 ta' filgħaxija. Wara sar korteo mill-Konkatidral sa Bieb il-Belt. Id-difna saret f'forma privata ġewwa l-Katidral tal-Imdina, biswit l-Arċisqof Mikiel Gonzi, ħdejn il-Kappella tal-kurċifiss, li kien tant devot tiegħu San Ġorġ Preca.

Mons. Mercieca twieled Għawdex nhar il-11 ta' Novembru 1928. Tgħammed fil-Bazilika Parroċċa ta' San Ġorġ Għawdex. Iben Saverio Mercieca (*ta' Mewta*) u Giovanna mwielda Vassallo. Fi kliemu stess jgħid li twieled u trabba f'familja sempliċi ħafna u li kienet tgħix fi Triq il-Providenza r-Rabat Għawdex. Huwa kien l-ewwel wild tagħhom. B' kollox kienu sebat aħwa, imma erbgħa minnhom mietu zgħar, xi ħaġa komuni ħafna għal dak iż-żmien. Ħuh l-ieħor Giovanni sar saċerdot ukoll u Anton huwa missier ta' familja. Missier Mons Mercieca kellu ħanut tal-inbid li kien jmiss mad-dar stess. Fuq il-ġenituri tiegħu Mons Mercieca jtenni li huma kienu nies twajba

*ikompli f'paġna 72*

ħafna u li lilu u lil ħutu rabewhom bl-akbar għozza u mħabba. Hu nnifsu jgħid li "huma għallmuna bil-kelma u bl-eżempju inħobbu lil Alla u lil għajrna. Għall-Quddies kienu jqajmuna kuljum fl-4.30 ta' filgħodu".

Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja u sekondarja tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex. Nhar it-8 ta' Marzu 1952 fil-Knisja ta' San Ġakbu r-Rabat Għawdex, huwa ġie ordnat Saċerdot minn Mons. Paolo Pace Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex. Iċċelebra l-ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex fis-27 ta' April 1952.



*L-Isqfijiet Emeriti Mons Pawl Cremona u l-mibki Mons Ġużeppi Mercieca*

Wara l-ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, huwa mar Ruma biex jkompli bl-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana u fl-Universita tal-Lateran f' Ruma. Huwa ggradwa fit-Teoloġija, u fil-Liġi tal-Knisja. Rċieva wkoll id-diploma ta' avukat tas-Sacra Romana Rota. Wara l-gradwazzjoni għamel xi żmien jaħdem fit-tribunal Matrimonjali tal-Knisja f' Ruma u ta s-servizz tiegħu f diversi Parroċċi madwar Ruma. Fl-1959 huwa reġa lura Għawdex fil-gżira li tagħtu l-ħajja, u beda jgħallem fis-seminarju tal-Isqof. Matul dan iż-żmiem huwa kien Rettur tas-Seminarju u kanċillier tal-Kurja f'Għawdex stess. Ħadem mil-qrib ħafna mal-Isqof Pietru Pace. Fis-sena 1969 ġie msejjaħ mill-Qdusija tiegħu l-Papa Pawlu VI biex jibda jagħti s-servizz tiegħu bħala Mħallef fis-Sagra Romana Rota li hija t-tribunal tal-Knisja li jitratta każijiet taż-żwiġijiet. Fl-10 ta' Jannar 1970 miet missieru, Saverio, u fit-30 ta' Ottubru 1971 mietet ommu, Giovanna. Huwa kien preżenti għall-funerali tagħhom, imma wara dejjem irritorna Ruma biex ikompli l-ħidma tiegħu hemm. Sa dak iż-żmien huwa kien qed jaħseb li l-futur tiegħu kien se jkun f' Ruma, imma Alla fil-Providenza tiegħu kellu pjanijiet oħra għalih! F' Lulju tas-sena 1974 meta Mons. Mercieca kellu 45 sena, waqt li kien għadu Ruma, ġie mgħarraf li kien magħżul biex jsir Isqof Awżiljarju ta' Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. L-aħbar tan-nomina tiegħu bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta u Isqof titulari Gemellae fin-Numidja, ħarġet b' mod uffiċċjali nhar is-26 ta' Lulju 1974. L-Arċisqof Gonzi kien ġa għandu 89 sena. Mons. Mercieca ġie kkonsagrat Isqof minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, u megħjun minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi Isqof ta' Għawdex u Mons Francesco Ricceri Isqof ta' Trapani u mħallef tat-Tribunal tas-Sacra Romana Rota, nhar il-festa ta' San Mikiel Arkanġlu fid-29 ta' Settembru 1974. Il-Motto li huwa għażel kien ***"Ilkoll aħwa fi Kristu"***. Mons. Mikiel Gonzi fis-sena 1976 għalaq 91 sena, għalhekk nhar il-festa ta' Kristu Re ħabbar li se jitlob lil Papa biex jeżentah mill-gvern pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta minħabba l-età tiegħu. Kien propju fid-29 ta' Novembru 1976 li s-Santa Sede ħarġet in-nomina ta' Mons Ġużeppi Mercieca bħala l-Arċisqof il-Ġdid ta' Malta. Iċ-ċerimonja uffiċċjali saret fil-Katidral tal-Imdina fit-12 ta' Diċembru tal-istess sena 1976. Sbieħ il-Ħadd 22 ta' Jannar 1984 f' nofs il-lejl u erbgħin minuta, ġrat il-mewt ta' Mons Mikiel Gonzi ġewwa l-isptar San Luqa fi Gwardamanġia fil-preżenza ta' Mons. Mercieca. Hu mexxa l-funeral dinjituż li sar fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta fil-jiem ta' wara.






*Mons. Ġużeppi Mercieca waqt il-Konsagrazzjoni tal-artal wara li sar ix-xogħol tat-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali, fejn illum jinsab l-artal maġġur, nhar it-8 t'April 1979*

Matul it-30 sena li dam Arċisqof, Mons. Mercieca, ra s-soċjetà Maltija tinbidel bis-sħiħ. Ma kienux għalih 30 sena faċli li servihom b'kumdità minn fuq xi tron tad-deheb. Min għex dak iż-żmien, jaf sewwa kemm Mons. Mercieca għex żmien ta' niket u bata fis-skiet. Spikkaw fosthom ir-relazzjonijiet bejn il-gvern ta' dak iż-żmien u l-Knisja l-aktar fis-snin 80. Fil-jiem ta' wara l-mewt tiegħu Mons Charles Scicluna Arċisqof ta' Malta stqarr li għalkemm ħafna ħasbuh li kien xi bniedem dgħajjef, huwa kien jaf jieħu deċizjoni, u li kien persuna ta' djalogu, umiltà, ħlewwa, u ta' għerf. Ħadem kemm felaħ biex reġġa lejn il-Knisja lil dawk li kienu jħossuhom imweġġgħin mill-Knisja lokali u ma naqasx li jitlobhom maħfra u ħafer f'isem il-Knisja lil dawk li setgħu wettqu xi atti kontra l-Knisja Maltija u l-membri tagħha. Xtaq il-paċi u ħadem għaliha bis-sħiħ.

Bejn is-snin 1974 u 2006 huwa ordna 343 saċerdot bejn djoċesani u reliġjużi. Ta' min isemmi li erbgħa minn dawk li ordna saċerdoti, wara saru Isqfijiet. Dawn huma l-Isqof Joseph Angelo

*ikompli f'paġna 76*

Grech (1974) l-Arċisqof Joseph Spiteri (1984), l-Isqof Joe Bonello OFM (1985) u l-Arċisqof Mons. Charles Jude Scicluna (1986). Huwa kien l-Isqof Konsagrant Prinċipali fl-Ordinazzjoni ta' l-Isqof Mons. Pawlu Darmanin OFM Cap (1984), l-Isqof Annetto Depasquale (1999), u l-Arċisqof li ġie warajh Mons Pawl Cremona O.P (2006). Huwa kien ukoll wieħed mill-Isqfijiet konsagranti fl-ordinazzjonijiet ta' l-Isqof Mons. Giovanni Innocenzo Martinelli OFM (1985), l-Arċisqof Mons. Pawlu Giglio (1986), l-Isqof Mons Sylvester Carmel Magro OFM (1997), L-Arċisqof Mons. Raffaello Funghini (2004), l-Isqof Mario Grech (2006), l-Isqof Mons. George Anthony Frendo OP (2006), l-Arċisqof Mons. Joseph Spiteri (2009) u l-Isqof Charles Jude Scicluna (2012). B'rikonoxximent għax-xogħol kbir u siewi f' Malta huwa ġie maħtur membru tax-xirka Ġieħ ir-Repubblika fis-śena 1995. Kien fis-sena 2010 fejn ingħata l-unur ta' ġieħ Għawdex.

Huwa feraħ u beka mal-poplu Malti f'kull ċirkostanza li kien fihom. Spiss kien iżur il-morda fl-isptarijiet u fi djarhom. Ta ħafna għajnuna fis-skiet lil dawk li kienu nieqsa mill-bżonnijiet tal-ħajja u fid-diffikultà. Lid-driver tiegħu, George, kemm-il darba bagħtu b' envelope magħluq bil-flus għand xi ħadd li kien f' xi bżonn partikolari. George jgħid li din il-ħaġa kienet tiġri ta' spiss. Il-karità tiegħu ma kienx iperriċha imma kien jagħmila fis-skiet. Meta l-PRO tal-Kurja kien qallu biex jibda jżid fil-programm uffiċċjali tiegħu iż-żjajjar spissi li huwa kien jagħmel lill-morda fl-isptarijiet u fi djarhom, Mons Mercieca ma ħallihx. Huwa ried li jibqa' jagħmel kollox fis-skiet u mingħajr daqq tat-trombi. Ta' min isemmi li dakinhar li l-mibki imma qatt minsi Patri Joe Cilia ex Kappillan tal-Parroċċa tagħna kien se jagħmel operzzjoni kbira u serja fis-17 ta' Awwissu 2012, huwa ġie ftit qabel tellgħuh għall-operazzjoni u talab fuqu u miegħu u għamillu ħafna kuraġġ. Dawn iż-żjajjar komplew ikunu spissi anke wara l-operazzjoni.

F'Mejju tas-sena 1990 ġie fostna l-Qdusija tiegħu l-Papa San Ġwanni Pawlu II. Kienu jiem sbieħ wisq u li jibqgħu minquxa fil-qalb ta' kull min jiftakar. Żgur li din il-ġrajja ġabet magħha għaqda u sliem fost il-poplu Malti u Għawdxi. Fis-sena 2001 Malta reġgħet laqgħet il Papa maħbub San Ġwanni Pawlu II biex ibbeatifika lil Dun Ġorġ Preca Fundatur tas-Soċjeta tal-Mużew (illum kanonizzat), l-Kjeriku Nazju Falzon u lil Marija Addeodata Pisani. Żgur li dawn iż-żjajjar imlew lil Mons. Mercieca b' ferħ u entużjazmu qaddis.

Mons. Mercieca għex fil-palazz tal-Isqof li hemm anness mal-Katidral tal-Imdina. Huwa kellu bżonn min jieħu ħsiebu u ħsieb il-palazz tal-Imdina. Il-familja tiegħu ma kienx possibli li tiġi tgħix miegħu minn Għawdex. Għalhekk il-Mulej fil-providenza tiegħu pprovdielu lil Catherine Camilleri u lin-neputija tagħha Joyce Tabone miż-Żejtun biex jieħdu ħsiebu. Dan baqgħu jagħmluh sal-aħħar nifs ta' ħajtu. Huma qdew din il-missjoni miegħu b'impenn, disponibiltà u mħabba kbira. Ħabbewh u hu ħabbhom ukoll. Mhux ta' b'xejn li fil-funeral tiegħu dehru komossi u mnikkta ħafna. Żgur li ħassew li tilfu persuna għażiża ħafna għalihom. Persuna oħra għażiża għal Mons. Mercieca kienet bla dubju ta' xejn, il-ħabib tiegħi George Baldacchino minn Ħal-Qormi, neputi ta' Dun Karm Casha li kien il-kappillan tiegħu. George kien ix-xufier tiegħu imma mhux biss. Jien li naf lil George mill-qrib ħafna, nista' ngħid li kien iħobbu daqs li kieku kien missieru. Mons. Mercieca kellu stima u mħabba kbira lejħ ukoll. Darba meta jien kont għandni żgħir, kont mort il-Palazz l-Imdina ma' George għax Mons. Mercieca kien xi ftit ma jiflaħx bl-influwenza. Meta dħalna sibnih jarma l-istatwi żgħar li kellu tal-Ġimgħa l-Kbira. Dakinhar għalkemm kont għadni żgħir, ammirajt ferm l-aspett uman tiegħu.

Fil-11 ta' Novembru tas-sena 2003 Mons. Mercieca offra r-riżenja tiegħu lill-Papa minħabba li kien għalaq il-75 sena. Pero huwa baqa' Arċisqof ta' Malta sat-2 ta' Diċembru 2006 fil-jum li fih Mons. Pawl Cremona O.P ġie maħtur l-Arċisqof il-Ġdid ta' Malta.

Mons. Mercieca żar diversi drabi l-knisja parrokkjali tagħna. Kien huwa li kkonsagraha mill-ġdid wara t-tkabbir tagħha fit-8 ta' April 1979. L-aħħar darba li daħal fil-knisja tagħna kien meta attenda għall-funeral tal-Kappillan Patri Joe Cilia OFM Conv nhar l-14 ta' Mejju 2013.

Bħala komunità parrokkjali u l-Knisja f'Malta għandna għax inkunu grati lejn il-persuna u l-ħidma ta' Mons. Ġużeppi Mercieca fostna filwaqt li nitolbuh biex mis-sema jibqa' jieħu ħsieb il-gżejjer għeżież tagħna biex fostna tibqa' ssaltan dejjem il-paċi u l-imħabba lejn Alla u lejn xulxin.



*Armar fil-Knisja Parrokkjali għal quddiesa ta' tifkira ta' Mons Ġużeppi Mercieca*

